Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2319

20.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2319

tad-19 ta' Ottubru 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/265 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u fit-Turkija

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u fit-Turkija huma soġġetti għal dazji anti-dumping definittivi imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/265 ([2]).

(2) Varmora Granito Private Limited, kodiċi addizzjonali TARIC ([3]) A013, kumpanija soġġetta għar-rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw, mhux inklużi fil-kampjun ta' 7,3 %, infurmat lill-Kummissjoni fid-19 ta' Marzu 2026 li kienet biddlet isimha għal Varmora Granito Limited.

(3) Il-kumpanija talbet lill-Kummissjoni biex tikkonferma li l-bidla fl-isem ma affettwatx id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju anti-dumping applikata lilha skont l-isem li kellha qabel.

(4) Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni fornuta u kkonkludiet li l-bidla fl-isem ġiet irreġistrata kif suppost mal-awtoritajiet rilevanti, u ma wasslitx għal xi relazzjoni ġdida ma' gruppi ta' kumpaniji oħrajn li ma kinux investigati mill-Kummissjoni.

(5) Għaldaqstant, din il-bidla fl-isem ma taffettwax is-sejbiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/265 u b'mod partikolari r-rata tad-dazju anti-dumping applikabbli għall-kumpanija.

(6) Il-bidla fl-isem jenħtieġ li tidħol fis-seħħ mill-14 ta' Mejju 2025. L-evidenza fil-fajl ikkonfermat ukoll li l-bidla fl-isem kienet applikabbli mis-14 ta' Mejju 2025, il-jum meta l-Ministeru għall-Affarijiet Korporattivi ħareġ iċ-Ċertifikat ta' Inkorporazzjoni skont il-bidla fl-isem.

(7) Minħabba l-kunsiderazzjonijiet fil-premessi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/265 jiġi emendat biex jirrifletti l-isem mibdul tal-kumpanija li għaliha kien preċedentement attribwit il-kodiċi addizzjonali TARIC A013.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/265 tad-9 ta' Frar 2023 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fl-Indja u fit-Turkija (ĠU L 41, 10.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/265/oj).
([3]) It-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/265 huwa emendat kif ġej:

"L-Indja	Varmora Granito Private Limited	A013"

huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Indja	Varmora Granito Limited	A013"

2. Il-kodiċi addizzjonali TARIC A013, li qabel kien attribwit lil Varmora Granito Private Limited, għandu japplika għal Varmora Granito Limited mill- 14 ta' Mejju 2025.

3. Kwalunkwe dazju definittiv imħallas fuq importazzjonijiet ta' prodotti manifatturati minn Varmora Granito Limited, li jaqbeż id-dazju anti-dumping stabbilit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/265 fir-rigward ta' Varmora Granito Private Limited, għandu jiġi rimborżat jew jinħafer f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN